# S. M. Maddalena de' Pazzi

## *Kontemplazzjoni Marjana*

**minn Glen Attard, O.Carm.**

Aspett spiritwali ieħor għal qalb Maddalena de' Pazzi huwa l-Verġni Marija, partikolarment l-għaqda tagħha li ma tintemm qatt ma' Binha Ġesù. Ir-relazzjoni tal-qaddisa mal-Verġni Marija jiddeskrivuhielna s-sorijiet tal-istess monasteru f'immaġini mill-isbaħ meta darba raw lill-qaddisa mitlufa f'estasi tirċievi l-libsa Karmelitana mingħand il-Verġni Marija filwaqt li ttennilha, "Ħa jkunu mħażżmin ġenbejja" (*Prob.* 120). L-azzjoni li tilbes il-libsa ta' Marija hija immaġini għażiża ħafna għall-Ordni Karmelitan għaliex toħodna lura għall-viżjoni tal-Pirjol Ġenerali Ingliż San Xmun Stock fis-seklu tlettax. Hekk kif il-Verġni Marija tatu l-labtu (tagħha) wegħditu l-protezzjoni materna tagħha fuq l-Ordni. L-ilbies tal-labtu jew tal-libsa ta' Marija għandu jfisser, aktar milli d-drapp fih innifsu, l-ilbies tal-istess valuri materni tagħha, li minnhom Maddalena de' Pazzi xorbot l-aktar: l-intimità ma' Ġesù u l-għajxien ta' ħajjitha f'kull mument tagħha f'għaqda miegħu; il-ħarsien tal-fidi li hija għexet taħt il-mant ta' Marija li titlob għalina quddiem il-Missier; is-safa tal-ġisem, tal-moħħ, u tal-qalb; u l-ħarsien tal-komunità tal-fidili Nsara.

F'waħda mill-meditazzjonijiet tagħha, hi u titkellem tgħajjat, is-sorijiet jgħidulna li semgħu lill-qaddisa tistaqsi kif sejra r-ruħ tfittex lil Alla u b'liema mezzi? Il-qaddisa hija ċara fit-tweġibiet tagħha: il-faqar, l-imħabba, l-Ewkaristija, is-solitudni, u l-Verġni Marija li "twassalna mhux ġo xi tinda [i.e. santwarju magħmul b'idejn il-bniedem: Lhud 9:24] imma għall-għaqda intima m'Alla" (34 *Coll.* 355). Marija twassalna għal din l-għaqda għaliex hija stess kienet magħquda intimament miegħu. Darba waħda l-qaddisa tgħidilna li bħal ħasset lil Santu Wistin, li hi kienet tqisu bħalha missierha fil-fidi, jiktbilha fuq qalbha, sewwasew lejlet il-festa tal-Lunzjata 1585, il-kelmiet *L-Iben t'Alla sar bniedem*. Ftit ġimgħat wara, fil-15 t'April, sewwasew fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa, ħassitu jiktbilha l-kelmiet *Id-demm tal-unjoni*, wara li mbagħad ħasset ukoll li rċeviet il-pjagi ta' Ġesù Kurċifiss hekk li twaħħdet bis-sħiħ mad-dulur tal-passjoni. Aktar tard, fit-28 t'April, lejlet il-festa ta' Santa Katerina ta' Siena, li lejha kellha devozzjoni kbira, il-qaddisa terġa' tħoss lil Santu Wistin inaqqxilha fuq qalbha l-kelmiet *Is-safa għaqdet lill-Verb ma' Marija, l-Għarus mal-Għarusa.* Il-qaddisa tieħu fuqha s-sentimenti ta' Marija, il-viċinanza tagħha lejn Ġesù, u tħoss ruħha miexja pass pass ma' Marija matul il-ħajja ta' Ġesù, fil-preżenza wkoll taż-żewġ qaddisin preferiti tagħha, sakemm fl-aħħar Ġesù jagħtiha ċ-ċurkett taż-żwieġ. Il-qaddisa tiddeskrivi dan il-mument hekk: "Ħa nara l-Verb fija u jiena fih; ħa jkun imsallab fija u jiena fih, bħalma qal l-Appostlu għażiż Pawlu, 'Mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu Kurċifiss' (Gal 2:20)." Hekk kif Marija baqgħet wieqfa taħt is-salib ta' Binha, hekk ukoll il-qaddisa trid tibqa' miegħu, li tiġbed l-erwieħ lejh u turihom kemm ħabbhom meta ta lilu nnifsu għalihom u li ma jistħoqqlux ġieħ ogħla milli huma jagħmlu l-istess għalih. "Ma rridx ngħin lill-erwieħ biss bit-talb, iżda wkoll bil-kliem u l-għemil tiegħi, u li nagħti ħajti għalihom kif għamel il-Verb" (ara 39 *Coll.* 16-21).

Mhux biss, bħal Marija, il-qaddisa trid timxi ma' Ġesù, imma wkoll timita l-fidi tagħha fih. F'kull mument, tgħidilna l-qaddisa, Marija kienet tfaħħar lil Alla. Faħħret lil Alla fl-inkarnazzjoni tal-Verb meta tbaxxiet umilment quddiemU bħala s-Sid tagħha. Faħħret lil Alla fil-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju meta qimitU bħala Missier. Faħħret lil Alla fil-passjoni ta' binha Ġesù meta baqgħet

fidila lejH sal-aħħar, kif tagħmel għarusa mal-għarus tagħha, waqt li kulħadd kien abbandunah. Faħħret lil Alla fil-qawmien ta' Ġesù meta stennietu bl-imħabba u bil-ferħ ta' omm. Fl-aħħar nett, faħħret lil Alla fil-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuqha u fuq l-Appostli meta stennietu bħala s-Salvatur (ara 7 *Qua.* 107). Fi kliem ieħor, Marija niżlet l-għeruq tar-relazzjoni tagħha ma' Alla fil-fidi, mhux fidi li tinbena fuq il-biża', imma fidi li minkejja kollox tibqa' temmen fis-sejħa li saritilha min-naħa ta' Alla għaliex tinbena fuq l-imħabba ... dik l-imħabba vera li kollox tissaporti għal dawk li tħobb. B'din il-fidi qawwija tagħha, il-qaddisa tistħajjel lil Ġesù jidher lil ommu Marija wara l-qawmien mill-imwiet preċiżament waqt li din kienet tfaħħru quddiem l-appostli li kienu tilfu l-fidi fih (48 *Coll.* 364-365). Mela mhux biss bil-grazzja li taha Alla, imma wkoll bil-ftuħ sħiħ tagħha għalih u għall-Misteru tiegħu, li Marija stħaqqilha wkoll issir ommna li titlob għalina quddiem il-Missier. "It-trinità tal-ħolqien, li hija magħmula mill-parteċipazzjoni tagħna fit-Trinità Qaddisa, l-imħabba tagħna lejha, u r-rieda tagħna, għandha tkun taħt il-mant ta' Marija. Hekk kif il-Missier u l-Iben ma jinfirdu qatt, hekk ukoll l-ulied mill-fehma, mir-rieda, mill-ħidma, u saħansitra mill-intenzjoni t'ommhom Marija" (8 *Rev.* 273).



*Maria de Dominicis: "S. M. Maddalena de' Pazzi mitlufa f'estasi tirċievi l-libsa Karmelitana mingħand il-Verġni Marija". Kunvent tal-Karmnu, Valletta.*

Maddalena de' Pazzi fittxet ukoll li tinkarna l-valuri ta' Marija fis-safa tal-qalb tagħha. Is-safa tfisser l-umiltà, iċ-ċaħda tagħna nfusna, it-telqa f'idejn Alla u l-għarfien tax-xejn tagħna quddiem l-Aktar Għoli. F'waħda mill-meditazzjonijiet tagħha, hi u tgħinna nifhmu x'kienet timplika eżattament għaliha s-safa, narawha toffri lill-Verb mill-banda l-waħda s-safa tal-qalb li tant tikkaratterizza l-kariżma Karmelitana, u mill-banda l-oħra l-faqar li tant jikkaratterizza l-kariżma Franġiskana. "Noffrihomlok kemm waħda u kemm l-oħra għaliex imorru t-tnejn flimkien [...] Nitolbok biex tgħinhom [lis-sorijiet li jgħixu ż-żewġ kariżmi] jipperseveraw fis-safa, fis-sempliċità, u fl-osservanza qaddisa. Nitolbok, o Verb, speċjalment għal dawk li huma taħt il-mant ta' Marija; nitolbok għal dawk [in-novizzi] li afdajtli f'idi: agħtihom id-dawl. Għal kulħadd, nitolbok paċenzja tassew, u li tagħtihom xrara mid-dawl tiegħek sabiex jifhmu li mhux biss sejjaħtilhom iżda wkoll għażilthom biex jiġbdu l-erwieħ lejk" (43 Coll. 100). Is-safa mela, fl-essenza tagħha, hija ritorn lejn sempliċità qaddisa, fiduċja għamja, kollha mħabba u paċenzja, f'Alla. Meta wieħed ifittex li jimita lil Marija, ma jistax jgħid: din il-parti ta' ħajti noffrihielu lil Alla, imma din le. Is-safa tal-qalb tfisser l-offerta tal-ħajja tagħna kollha kemm hi, biex kollha kemm hi tiddawwal fil-fidi fih; u l-ħsieb, il-kliem, u l-għemil kollu jsir safi grazzi għal din l-offerta tal-qalb li tfittex li tħobb lilu fuq kollox u fuq kulħadd. Fil-fatt, lil Ġesù darb'oħra tgħidlu: "Inti magħqud magħna, u għalhekk l-Ispirtu tiegħek huwa tagħna, u l-ispirtu tagħna huwa tiegħek, u int tagħmel kollox għall-imħabba ... fil-ġuf safi ta' Marija, waqt li fittxet li tħarsek bl-imħabba kollha, bħal qaltlek: *F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi"* (7 *Rev.* 224).

Nagħlqu bil-kliem tal-qaddisa stess li tlissen f'festa marjana li kienet tant għal qalbha, it-tlugħ ta' Marija fis-sema. Fil-15 t'Awwissu 1588, titolbu hekk lil Alla: "Ħa nieħdu fuqna *[assumiamo]* lil dik li ħadet fuqha lil Alla. Ħa nieħdu fuqna lil dik li ħadet fuqha l-miżerji kollha tagħna biex issaffina minnhom. Ħa nieħdu fuqna lil dik li ħadet fuqha wkoll il-virtujiet kollha" (*Prob.* 172).